**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 14 - IT-TNEJN, 29 TA' AWWISSU 2011**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl- 4:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi-*Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku (wasal fl-4:15pm) |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li s-Sinj. Muscat kienet tinsab imsiefra filwaqt li l-Viċi Sindku infurmah li, minħabba impenji ta' xogħol kien se jasal tard.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

2.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-CHAIRPERSON

3.1. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet irċeviet ittra anonima dwar il-bżonn ta' tindif ta' kanal fi Triq id-Dwieli. Hija ressqet ukoll xi ritratti. Kien hemm qbil li nitkellmu ma' MRRA biex jitnaddaf.

3.2. Is-SE ippreżenta talba għall-kumpens għad-danni minn ċertu Mark Muscat wara li dan baqa' dieħel bil-vettura tiegħu fuq arblu tat-traffiku li kien imwaħħal taħt il-bankina. Minħabba li dan ma ppreżenta l-ebda rapport tal-Pulizija, minħabba li l-arblu ftit li xejn kien jidher li saritlu ħsara u minħabba li wieħed jassumi li l-arblu kien viżibbli, allura l-Kumitat iddikjara li ma jistax jieħu responsabbiltà. Il-Kumitat kien infurmat li l-arblu minn dak iż-żmien kien ittella' fuq il-bankina iżda kien għad fadal arblu tal-Enemalta u n-*notice board*. Il-Kumitat talab li n-*notice board* tittella' wkoll fuq il-bankina.

3.3. F'dan il-ħin issemmiet ukoll il-bankina li magħha allegatament għamel ħsara s-Sur Anthony Abela fil-kantuniera ta' Trejqet il-Kampanjol ma' Dwieli. Kien maqbul li din il-bankina għandha tiġi rranġata.

3.4. F'dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku Pierre Sciberras.

**4. RAPPORT FINANZJARJU**

4.1. Is-SE informa li, għalkemm l-istaff kienu għaddewlu l-informazzjoni kien hemm xi ammonti li għadu jrid jikkonferma. Madanakollu kollox kien jindika li kull nefqa li saret kienet se tkun bilanċjata mid-dħul li sar.

4.2. Is-SE informa wkoll li kienu saru infiq kapitali li però kien għadu ma rċeviex il-kontijiet tagħhom u għalhekk kien diffiċli għalih li jagħti rendikont komplet. Madanakollu tenna li s-sitwazzjoni għandha tkun waħda tajba ħafna u ma żżommx lill-Kumitat milli jieħu ċertu inizjattivi.

**5. INIZJATTIVA DWAR IL-PLAYING FIELDS**

5.1. B'riferenza għall-memo 66/2011 tad-Dipartiment, il-Kumitat qabel li għandu jsir tentattiv biex issir applikazzjoni għat-tibdil tal-bandli f'BIC.

**6. IS-SERVIZZ TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

6.1. Il-Kumitat iddiskuta s-servizz tat-trasport pubbliku fejn kien konfermat li s-servizz bin-numru 105 kien tajjeb filwaqt li l-passiġġieri kienu qed jiżdiedu. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet irċeviet email mingħand is-Sur Miceli bi proposti. Fost il-proposti kien hemm li n-nies jippreferu jekk it-trasport jasal sal-Pjazza tal-Mosta speċjalment minħabba l-Klinika.

6.2. Sadanittant ix-xufier innifsu kien irrakkomanda li l-105 ma tidħolx aktar is-Sgħajtar u tidħol il-128. Is-servizz tal-Ħadd jista' jibda' fit-8:30am filwaqt li fix-xitwa m'hemmx il-ħtieġa li s-servizz jibqa' sal-ħin stabbilit.

6.3. Is-Sur Bonello informa li fuq il-fuljetti tal-arriva hemm indikat li l-X1 tieqaf f'BIC iżda fuq il-*board* tal-istage m'hemmx indikat hekk u infatti mhux qed tieqaf.

6.4. Ix-xufier semma wkoll li qed ikun hemm vetturi pparkjati fuq il-*bus stop* ta' Triq it-Turkija u Triq Franza. Irrakkomanda wkoll li jsir sinjal isfar minn Triq il-Bjad għal Triq il-Qoton. Huwa rrakkomanda wkoll li jsir sinjal isfar f'Triq Xatt il-Palm minħabba problema li qed ikollha tal-linja f'xi ħinijiet.

6.5. F'dan il-ħin kien maqbul li s-SE jiltaqa' mas-Sinj. Cuomo f'BIC il-Ġimgħa fid-8:50am biex ikunu diskussi problemi fiż-żona.

6.6. Issemma wkoll li qed ikun hemm *coaches* ipparkjati fuq il-*bus stop* ta' fejn l-i*Splash & Fun.*

6.7. Il-Kumitat semma li hemm *bus shelter* li ilha żmien fi stat diżastruż.

**7. TIBDIL FID-DISINN TAX-XOGĦOL TAL-PJAZZA**

7.1. Minħabba li kien hemm xi oġġezzjonijiet għall-fatt li se jkun hemm il-bibien tal-latrini fuq Triq ix-xambekk, il-Kumitat qabel li dawn għandhom jingħalqu filwaqt li l-entratura għal-latrini tkun biss min-naħa tal-Pjazza.

## 8. DWAL GĦALL-MILIED

8.1. Il-Kumitat qabel li għandu jsir minn kollox biex jiżdied id-dawl tal-Milied fi Triq il-Xambekk. Is-Sur Bonello offra l-assistenza tiegħu dwar dan. Kien hemm qbil li ngħarrfu b'dan lil Jurgen Attard, il-*handyman* tal-Kunsill, biex jipprepara xi dwal.

## 9. IL-KUNTRATT GĦALL-UŻU TAS-SALA TAL-KNISJA

9.1. Is-SE informa li r-raġuni għaliex il-kuntratt ma kienx finalizzat kien dovut għall-fatt li kien għadu ma kellux indikazzjoni dwar il-ħinijiet li se jkunu inklużi. Huwa kien imwiegħed li se jipprovdulu l-ħinijiet biex jiffinalizza.

9.2. Sadanittant is-SE intalab li jaffettwa l-ħlas għat-tieni sitt xhur għall-ammont ta' €1,000.

## 10. ATTIVITAJIET SPORTIVI GĦAL OTTUBRU

10.1. L-attivitajiet sportivi li kien hemm qbil li jsiru huma dawn:

*10.2. Pilates, jibda fil-11 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Tlieta bejn id-9 u l-10am.*

*10.3. Zumba, jibda fit-12 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Erbgħa bejn it-8-9pm.*

*10.4. Pilates, jibda fit-13 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Ħamis bejn is-7-8pm.*

*10.5. Zumba, jibda fil-15 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Sibt bejn it-3:30 u l-4:30pm.*

*10.6. Self Defence, jibda fil-15 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Sibt fis-2pm.*

*10.7. Aerobics, jibda fis-17 ta' Ottubru u jsir kull nhar ta' Tnejn fit-8pm.*

10.8. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet waslet email mingħand is-Sur Robert Galea dwar proposta għal *Weight Loss Programme* għal 16-il ġimgħa. Il-Kumitat qabel li jagħmel tentattiv biex jorganizza dan il-programm.

## 11. ĦWEJJEĠ OĦRA

11.1. Is-Sur Woods ippreżenta abbozz tar-rapport ta' ħidma li intlaqa' tajjeb mill-Kumitat. Apparti l-kitba, li kien hemm qbil li tinżamm mill-inqas, ir-rapport għandu jinkludi numru ta' ritratti. Huwa spjega li jkun stampat fuq karta ta' daqs A3 fuq żewġ naħat u mitwi, filwaqt li ta indikazzjoni kif se jkun il-kontenut.

11.2. Is-Sur Woods informa li għandu l-ħsieb li jorganizza *Creative Team Building* għall-membri tal-Kumitat u anki tal-Kunsill u possibilment isir 'il barra mill-uffiċċju u possibilment ukoll isir fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru.

11.3. Is-Sur Woods informa wkoll li jinsab f'ħidma mas-Sur Adrian Mifsud mid-Dipartiment dwar proġett 'inkubatur ta' innovazzjoni' biex issir l-ewwel proġett pilota f'Baħar iċ-Ċagħaq. Dwar dan jidher li hemm fondi kbar min-Norveġja filwaqt li l-ħsieb huwa biex jibda jsir taħriġ għall-Kunsilli Lokali fil-futur.

11.4. Issemmew il-permessi tal-gabbani filwaqt li s-SE informa li hemm numru ta' gabbani li għandhom il-permess.

11.5. Is-Sur Woods ħareġ bl-idea li jsir festival tal-ġelat. Din intlaqet tajjeb ħafna.

11.6. Kien hemm qbil li għandha ssir insistenza għal-laqgħa mal-Onor Jason Azzopardi biex tkun diskussa l-*caravan site.*

11.7. Issemmiet ukoll il-problema/periklu li hemm fi Triq Baħar iċ-Ċagħaq.

11.8. Il-Kumitat qabel li possibilment għandu jkun hemm *screening* tal-binja 'Oasis' kemm minħabba periklu u anki għad-dehra tagħha.

11.9. Issemma ilment li ilu dwar *billboard* li qed jgħatti l-vista tat-traffiku fit-triq prinċipali.

11.10. Is-Sinj. Cuomo infurmat li kienet irċeviet sms mingħand l-ambaxxata Amerikana dwar problema bid-dawl u l-ħtieġa li jsir *shade* ħalli jnaqqas id-dawl fir-residenza. Kien suġġerit li possibilment minflok shade isir *ducting tape* li aktarx kien isolvu l-problema b'inqas flus. Din tinsab f'Dar it-Torri fi Triq l-Għerien.

11.11. Kien hemm ilmenti dwar l-istat tal-art fir-responsabbiltà tal-iscouts fejn kien hemm ammont ta' ħmieġ.

11.12. Kien hemm qbil li l-iskips ta' Triq AM Caruana (tan-naħa t'isfel) għandhom jitneħħew.

11.13. Kien hemm ilment ukoll li mhux qed jidħol il-kollettur tal-borża l-griża fit-Triq id-Dwieli min-naħa ta' Triq Qalet Marku.

**12. TMIEM IL-LAQGĦA**

12.1. Kien hemm qbil unanimu li laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru fl-4:00pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fis-5.50pm.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |